DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-28 ta' Awwissu 2013

li tikkonċerna l-abbozz ta' Digriet Taljan dwar il-metodi għall-indikazzjoni tal-oriġini tal-ħalib li jibqa' tajjeb fil-ħażna, il-ħalib UHT, il-ħalib ippasturizzat mikrofiltrat u l-ħalib ippasturizzat b'temperatura għolja

(notifikata bid-dokument C(2013) 5517)

(Il-verżjoni Taljana biss hija awtentika)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/444/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Marzu 2000 fuq l-approssimazzjoni ta' liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' tikkettar, preżentazzjoni u riklamar ta' oġġetti tal-ikel [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tagħha,

Billi:

(1) Skont il-proċedura stabbilita fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2000/13/KE, l-awtoritajiet Taljani nnotifikaw lill-Kummissjoni fid-9 ta' Novembru 2012 abbozz ta' Digriet li jistipula, fost l-oħrajn, ir-rekwiżiti obbligatorji għat-tikkettar fir-rigward tal-ħalib li jibqa' tajjeb fil-ħażna, il-ħalib UHT, il-ħalib ippasturizzat mikrofiltrat u l-ħalib ippasturizzat b'temperatura għolja.

(2) L-Artikolu 2(1) tad-Digriet innotifikat jistipula li t-tikketti tal-ħalib li jibqa' tajjeb fil-ħażna, il-ħalib UHT, il-ħalib ippasturizzat mikrofiltrat u l-ħalib ippasturizzat b'temperatura għolja jridu jindikaw il-pajjiż tal-oriġini tar-razzett tal-prodotti tal-ħalib li minnu ġej il-ħalib ittrattat jew għandu jkollhom il-kliem "UE" jew "pajjiżi terzi" ladarba l-ħalib ikun ġej, rispettivament, minn Stat Membru wieħed jew aktar tal-Unjoni Ewropea jew minn pajjiżi terzi.

(3) Id-Direttiva 2000/13/KE tarmonizza r-regoli li jirregolaw it-tikkettar tal-prodotti tal-ikel billi tipprevedi, min-naħa, l-armonizzazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet nazzjonali u, min-naħa l-oħra, l-arranġamenti għal dispożizzjonijiet nazzjonali mhux armonizzati. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-armonizzazzjoni huwa ddefinit fl-Artikolu 3(1) ta' dik id-Direttiva, li jelenka l-partikolaritajiet li huma obbligatorji fuq it-tikketti tal-prodotti tal-ikel, skont l-Artikoli 4 sa 17 u li huma suġġetti għall-eċċezzjonijiet li jinsabu fihom.

(4) L-Artikolu 3(1), il-punt 8, tad-Direttiva 2000/13/KE jistipula li l-informazzjoni dwar il-post ta' oriġini jew il-provenjenza għandha tingħata "fejn nuqqas li tagħti partikolaritajiet bħal dawn jistgħu jqarrqu bil-konsumatur sa grad materjali rigward il-vera oriġini jew provenjenza tal-prodott tal-ikel".

(5) L-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/13/KE jistipula li jistgħu jkunu meħtieġa xi partikolaritajiet oħra barra minn dawk elenkati fl-Artikolu 3(1) ta' dik id-Direttiva, fil-każ ta' prodotti tal-ikel speċifikati, skont dispożizzjonijiet tal-Unjoni jew, fin-nuqqas tagħhom, skont dispożizzjonijiet nazzjonali.

(6) L-Artikolu 18(2) tad-Direttiva 2000/13/KE jippermetti l-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali mhux armonizzati jekk dawn ikunu ġġustifikati abbażi ta' waħda mir-raġunijiet elenkati fih, inklużi, fost l-oħrajn, il-protezzjoni tas-saħħa pubblika u l-prevenzjoni tal-frodi, sakemm ma jkunux ta' natura li xxekkel l-applikazzjoni tad-definizzjonijiet u r-regoli stabbiliti fid-Direttiva 2000/13/KE. Għaldaqstant, fejn ġew proposti abbozzi ta' dispożizzjonijiet nazzjonali tat-tikkettar fi Stat Membru, jeħtieġ li tiġi eżaminata l-kompatibbiltà tagħhom mar-rekwiżiti msemmija hawn fuq u mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(7) L-awtoritajiet Taljani jsostnu li l-miżura notifikata hija meħtieġa biex tiżgura l-protezzjoni tal-interessi tal-konsumatur u biex issaħħaħ l-infurzar tal-prevenzjoni u t-trażżin tal-frodi tal-ikel. Ġie spjegat li, għall-kuntrarju ta' dak li jaħsbu l-konsumaturi Taljani, il-ħalib ikkummerċjalizzat fl-Italja ma joriġinax biss mill-Italja u għalhekk, l-indikazzjoni tal-oriġini fuq it-tikketta saret indispensabbli biex jiġi evitat li l-konsumaturi jiġu mqarrqa. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet imsemmija hawn fuq, l-awtoritajiet Taljani jsostnu li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(1) huma ġġustifikati fid-dawl tal-Artikolu 3(1) il-punt 8 tad-Direttiva 2000/13/KE.

(8) L-Artikolu 3(1) il-punt 8 tad-Direttiva 2000/13/KE jistabbilixxi mekkaniżmu xieraq biex jevita r-riskju li l-konsumaturi jiġu mqarrqa f'każijiet fejn xi elementi jimplikaw li xi ikel partikolari jkun oriġina jew għandu provenjenza

[1] ĠU L 109, 6.5.2000, p. 29.

differenti minn dik ta' vera. L-operaturi tal-ikel għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-post tal-oriġini jew il-provenjenza tkun preżenti fuq it-tikketta peress li l-ommissjoni tagħha tista' toħloq konfużjoni f'moħħ il-konsumatur. Barra minn hekk, l-awtoritajiet nazzjonali ta' infurzar għandhom jaċċertaw il-konformità ma' dan l-obbligu.

(9) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(1) tad-Digriet innotifikat jistgħu jimplikaw li l-ikel inkwistjoni jiġi dejjem ippreżentat b'tali mod li jqarraq bil-konsumatur Taljan dwar il-vera oriġini jew il-post ta' provenjenza. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li l-kamp ta' applikazzjoni tad-Digriet innotifikat ma japplikax għall-ħalib li għandu perjodu ta' konservazzjoni limitat (ħafna) (ħalib mhux maħdum, ħalib ippasturizzat). Huma dawn tal-aħħar li jistgħu jissuġġerixxu lill-konsumatur l-oriġini Taljana tal-ħalib inkwistjoni.

(10) Apparti r-referenza għall-bżonn li jiġu protetti l-interessi tal-konsumatur, l-awtoritajiet Taljani ma pprovdew l-ebda ġustifikazzjoni suffiċjenti li twassal għall-konklużjoni li, fir-rigward tal-prodotti elenkati fl-Artikolu 1 tad-Digriet innotifikat, l-indikazzjoni obbligatorja tal-oriġini hija meħtieġa, minbarra fl-obbligu stabbilit fl-Artikolu 3(1) punt 8 tad-Direttiva 2000/13/KE.

(11) Għalhekk, l-awtoritajiet Taljani ma wrewx li l-indikazzjoni tal-oriġini kif stipulat fid-Digriet innotifikat hija meħtieġa biex jinkiseb wieħed mill-objettivi elenkati fl-Artikolu 18(2) tad-Direttiva 2000/13/KE.

(12) Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet, il-Kummissjoni ressqet opinjoni negattiva dwar id-dispożizzjonijiet tad-Digriet innotifikat imsemmijin hawn fuq, skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 19, tad-Direttiva 2000/13/KE.

(13) L-awtoritajiet Taljani għandhom, għaldaqstant, jintalbu biex ma jadottawx id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(1) tad-Digriet innotifikat.

(14) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-Repubblika Taljana ma għandhiex tadotta d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(1) tad-Digriet innotifikat dwar il-metodi għall-indikazzjoni tal-oriġini tal-ħalib li jibqa' tajjeb fil-ħażna, il-ħalib UHT, il-ħalib ippasturizzat mikrofiltrat u l-ħalib ippasturizzati b'temperatura għolja.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Taljana.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Awwissu 2013.

Għall-Kummissjoni

Tonio BORG

Membru tal-Kummissjoni